Minuti tal-Laqgħa Nru37 (Sebgħa u Tletin) tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fil-bini amministrattiv tal-Kunsill Lokali nhar il-Ħamis, 30ta' Ġunju, 2016, fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Anthony Valvo |
| Viċi Sindku | Neil Attard |
| Il- Kunsilliera | Joe Azzopardi |
| | Mary Doris Borg |
| | Antonia Buttiġieġ |
| L-Uffiċjal | Ranier Busuttil |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | |

1. Item Nru 1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.

1.1 Kulħadd preżenti. Il-laqgħa bdiet fis-5.45pm.

2. Item Nru 2 fuq l-Aġenda – Qari tal-minuti – Il-minuti ttieħdu bħala moqrija.

2.1 Minuti ttieħdu bħala moqrija u approvati

2.2 Korrezzjoni fuq minuta 6.3 fejn is-Sinjura Buttigieg qalet li qed jilmentaw in-nies u mhux hi qed tilmenta.

3. Item Nru 3 fuq l-Aġenda – Matters arising mill-Minuti tal-Laqgħa ta' qabel:

3.1 SSTP – Is-Sindku qal li sar meeting fl-impjant f' ta' Barkat u tajjeb li nerġgħu nibdew nitolbu il-minuti.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

F' din il-laqgħa ntqal li l-esperti li kellhom jiġu minn barra biex jispezzjonaw l-impjant qalu li kollox jidher qiegħed tajjeb u ssuġġerew li l-problema tal-farms tiġi trattata qabel ma jidħol fl-impjant u mhux wara. Dan billi tintefa kimika biex jiġi newtralizzat dan l-iskart.

Il-Managemnt tal-SSTP qalulna li l-problema tal-farms qed tagħmel ħsara u tikkawża *blockage* fis-sistema u konsegwenza t'hekk l-impjant ma jibqax jopera kif suppost.

Din hija *issue* nazzjonali u jrid isir xi ħaġa biex ir-residenti tax-Xgħajra ma jibqgħux isofru bl-irwejjaħ.

Apparti hekk f'din il-laqgħa ġie diskuss li l-landscaping ser jibda jinbena minn Settembru li ġej u x-xogħol mistenni li jitlesta sa' Marzu tas- sena 2017.

3.2 Rampa Sports Complex – Wara li erba' snin ilu TM taw il-permess lill-Kuntrattur biex jibda jaħdem illum TM qed tgħid li mhux minnu li kien hemm permess.
Is-Sindku qal li hemm minuti li jixhdu din il-konverzazzjoni bejn Is-Sur Simon Grima, Is-Sur James Piscopo, il-Perit Charles Buhagiar u l-Perita Charlene Bonnici li din tal-aħħar qed tgħid li ma tiftakarx.

Dan id-disgwid qed jikkawża aktar dewmien.
Il-Kunsill qabel li jerġgħu isiru l-livelli minn surveyer minħabba li t-terrapin tat-triq fejn waqgħet ġie miħhut kollu fin-nofs u wara jkun jista' jitkompla ix-xogħol.

3.3 Is-Sindku qal li nhar l-20 ta' Lulju ser ikollna laqgħa mad-Direttur fejn ser jiġu diskussi l-problema li għandu l-Kunsill. Il-problema ewlenija hija n-nuqqas ta' fondi li jirċievi l-Kunsill mil-Gvern Ċentrali

3.4 Bus Shelter – Is-Sindku qal li wara li għandna l-approvazzjoni tas-Sur Kevin Zahra ta' Transport Malta, il-Kunsill lesta l-pjanta u x-xogħol ser jibda fi ftit granet oħra. Ix-xogħol ser isir bil-ħaddiema assenjati li għandu l-Kunsill u se jassisti bħala perit il-perit Robert Ellul.

3.5 Tabelli tat-toroq – Il-Kunsill ordna u ġab it-tabelli li ġew approvati fil-laqgħa preċedent. It-tibdil ta' dawn it-tabelli ser isir fil-jiem li ġejjin mill-ħaddiema assenjati.
Sar qbil li tiġi ordnata wkoll mera fil-kantuniera ta' bejn Triq Sant Elija ma' Triq l-Ispnott.

3.6 Latrina Pubblika – Is-Sindku qal li x-xogħol tlesta u issa fadal biss li jinbidlu l-aperturi. Ix-xogħol minkejja li ħa ammont ta' xhur biex jitlest, jidher li xorta waħda qed titqaxxar iż-żebgħa. Il-Kunsill qabel li ssir aktar pressjoni biex għas sena d-dieħla din il-latrina terġa' tinbena mill-ġdid.

3.7 Xogħol mid-Dipartiment tad-tindif– Id-Direttur tad-Dipartiment tat-tindif is-Sur Ramon Deguara qabel li jibda jibgħat van u ħaddiema biex jiġbru l-bulky li jinġabar minn mal-iskips. Din il-ġabra ser tibda ssir nhar ta' Tnejn minn fejn il-grada tal-Kunsill.
Rigward is-suġġett l-ieħor tal-cameras s'issa għad m'għandnix informazzjoni meta dawn jistgħu jitwaħħlu.

Xogħol ieħor li diġa' qed isir mid-Dipartiment tat-tindif huwa li qed ikollna kennies li jiġi jnaddaf ix-xatt filgħaxija.

3.8 Green Pak - Il-Camera twaħħlet kif miftiehem u l-filmati ser jibdew jintbgħatu lilna regolarment.

3.9 Ilment Sqaq Ras il-Gebel – Il-Kunsill kiteb lill-Perita Audrey Testaferrata Denoto pero' ġara li din m'għadiex tokkupa din il-kariga u għalhekk issa rridu nkellmu lis-Sur Silvio Scerri.

4. Item Nru 4 Fuq l-Aġenda – Korrispondenza

4.1 Riżenja Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ – Is-Sindku qal li l-Kunsill bgħat l-aċċettazzjoni tar-riżenja u għalhekk il-pass li jmiss huwa li ninnominaw persuna oħra biex tokkupa dil-kariga.

5. Item Nru 5 fuq l-Aġenda –Approvazzjoni tal-Infieq

5.1 Pagamenti gew awtorizzati b' 4 voti favur u astenzjoni tas-Sinjura Doris Borg.

6. Item Nru. 6 fuq l-Aġenda - Xogħol madwar ix-Xgħajra

6.1 Jogging/ Cycling track – Is-Sinjura Buttigieg staqsiet fiex wasalna fuq dan il-proġett. Is-Segretarju qal li wara diversi emails ta' tfakkir l-Onor. Chris Agius fl-4 ta' Mejju qalilna li dan ix-xogħol għadu fil-pjanijiet ta' SportMalta

6.2 Tindif Fortizza tal-Grazzja – Il-Kunsill qabel li tinkera skip sabiex jitnaddaf is-sit ta' wara l-iskip.

6.3 Manutenzjoni Bandli tax-Xatt – Is-Sur Valvo qal li ser issir laqgħa mad-diretturi tar-restaurant El Catalan il-ġimgħa d-dieħla biex tiġi diskussa din il-problema.

6.4 Is-Sinjura Doris Borg qalet li l-iskips huma fi stat ħażin ħafna. Dawn huma kważi kollha imkissrin u maħmuġin.
Il-Kunsill qabel li tinħareġ default notice uffiċjali fuq in-nuqqasijiet li għandna kemm fuq il-ġbir ta' skart kif ukoll fuq il-knis.

6.5 Minn nhar l-1 t' Awwissu l-iskips kollha, apparti dawk tax-Xatt u ta' Sqaq San Lawrenz ser jitneħew. Max-Xatt ser jiżdiedu 5 skips oħra. L-iskips tax-Xatt iridu jsiru kollha ġodda, bil-pidala u għatu kif suppost u jinħaslu ta' l-anqas darba fix-xahar.

7. Item Nru. 7 fuq l-Aġenda – Attivitajiet Kulturali

7.1 Festa Lapsi – L-attivita' saret u kienet suċċess. Is-Sinjura Borg qalet li mal-Gostra ma qablitx minħabba li hija ta' periklu. L-ikel ta' Jum ix-Xgħajra ma kienx ta' kwalita' tajba.

7.2 Il-Kunsill qabel li jsir BBQ fil-Fortizza u l-ikel isir mill-Għaqda tal-Knisja tax-Xgħajra u għajnuna minn Xgħajra Scouts. Għas-sena d-diehla l-Kunsill ser joħroġ program għas-sena kollha u l-ħ l-ohra tax-Xgħajra għandhom jadattaw l-attivitajiet tagħhom skond dan il-program.

7.3 Talent Show tas-Sajf – Il-Kunsill qabel li jsir talent show f'Awwissu. Dan ser isir bl-inqas spejjeż possibbli u l-artisti ser jipparteċipaw mingħajr ħlas.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

IX-XGĦAJRA

8. Item Nru. 8 fuq l-Aġenda – Affarijiet oħra

8.1 Korsijiet tal-Kompjuter – Il-Korsijiet tal-kompjuter issa ser jagħlqu l-applikazzjonijiet u nhar it-Tnejn 4 ta' Lulju ser issir il-laqgħa mal-ġenituri. Il-korsijiet maħsuba li jibdew fit-tieni ġimgħa ta' Lulju.

8.2 Europe for Citizenship – Is-Sindku qal li l-applikazzjoni tal-Kunsill ġiet milqugħa u għalhekk ser nibdew naħdmu biex jinħarġu stimi għal akkomodazzjoni, transfers u ikel. Dan il-proġett ser isir bejn id-9 u 14 t' Ottubru u li ser ikollna 72 persuna minn 4 pajjiżi differenti. Il-Partners huma Colletorto Italia, Pelplin (Polonja), Alsónémedi (Ungerija), Demir Kapija (Macedonia). Għal dan il-Proġett il-Kunsill kollu għandu jagħti sehmu biex ikun ta' suċċess.

9. Item Nru. 9 fuq l-Aġenda - Aġġornament

9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-7.56pm

Aġġornament għat-Tlieta, 2t'Awwissu, 2016 fil-5.30pm

| | |
|---|---|
| IFFIRMAT | IFFIRMAT |
| ______________________ | ______________________ |
| Ranier Busuttil | Anthony Valvo |
| Segretarju Eżekuttiv | Sindku |

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra ZBR 08 – Malta
Tel: 21693269 Fax: 21695969
E-Mail xghajra.lc@gov.mt